Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1296/2008**

tat-18 ta' Diċembru 2008

dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni ta' qamħirrum u sorgu fi Spanja u importazzjoni ta' qamħirrum fil-Portugall

(Verżjoni kodifikata)

(ĠU L 340, 19.12.2008, p. 57)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 742/2009 tat-13 ta' Awwissu 2009	L 210	3	14.8.2009
►**M2**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2013 tal-21 ta' Frar 2013	L 158	74	10.6.2013
►**M3**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1333/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013	L 335	8	14.12.2013

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1296/2008

tat-18 ta' Diċembru 2008

dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni ta' qamħirrum u sorgu fi Spanja u importazzjoni ta' qamħirrum fil-Portugall

(Verżjoni kodifikata)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 t'Ottubru 2007 dwar l-organizazzjoni komuni tas-swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli ("Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 144(1) flimkien ma' l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1839/95 tas-26 ta' Lulju 1995 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni ta' qamħirrum u sorgu fi Spanja u importazzjoni ta' qamħirrum fil-Portugall ([2]) ġie emendat kemm-il darba ([3]) b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jiġi kkodifikat.

(2) Bl-arranġamenti magħmulin fl-Uruguay Round dwar negozjati fuq negozju multi-laterali, il-Komunità aċċettat, mis-sena tal-marketing 1995/96, illi tapplika kwoti ta' tariffi mnaqqsin għall-importazzjoni fil-Portugal ta' 500 000 tunnellata ta' qamħirrum u għall-Spanja ta' zewġ miljun tunnellata ta' qamħirrum u 300 000 tunnellata ta' sorgu rispettivament. Fil-każ ta' kwota ta' prodotti importati fi Spanja, l-kwantitajiet ta' ċerti sostituti tal-qamħa importati fi Spanja jridu jiġu mnaqqsa proporzjonalment għat-total ta' kwantitajiet importati. Fil-każ ta' kwota miftuħa għall-importazzjoni ta' qamħirrum fil-Portugall, id-dazju ta' importazzjoni mħallas m'għandux jaqbeż EUR 50 kull tunnellata.

(3) Sabiex tiġi assigurata ġestjoni tajba tal-kwoti "abatimento", jeħtieġ li jiġu pprovduti metodi simili ta' kif jitqiesu l-importazzjonijiet tal-qamħirrum u s-sorgu li jsiru fi Spanja u l-Portugall.

(4) Sabiex jintlaħaq dan il-għan u jiġi ggarantit segwitu effettiv tar-reġim u ta' l-obbligi internazzjonali tal-Komunità mill-Kummissjoni, jeħtieġ li jiġi ddeterminat bi preċiżjoni l-importazzjonijiet li għandhom jiġu kkalkulati bħala kwoti "abatimento" u li jiġi pprovdut li Spanja u l-Portugall jikkomunikaw lill-Kummissjoni, kull xahar, l-importazzjonijiet li tassew ikunu saru għall-prodotti kkonċernati, filwaqt li jiġi ppreċiżat il-metodu ta' kalkolu użat.

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 177, 28.7.1995, p. 4.
([3]) Ara l-Anness V.

▼B

(5) Il-perjodu stabbilit għall-importazzjoni tal-qamħirrum fil-Portugall u tal-qamħirrum u s-sorgu ġewwa l-Ispanja, kif ukoll jittieħed kont ta' l-importazzjonijiet eventwali ta' prodotti sostituti differenti huma bbażati fuq is-sena kalendarja.

(6) Il-kwantità tal-qamħirrum importat fil-Portugall u tal-qamħirrum u sorgu li għandha tiġi importata ġewwa l-Ispanja f'sena partikolari, mnaqqsa bil-kwantitajiet ta' ċerti sostituti tal-qamħ importati ġewwa l-Ispanja matul l-istess sena, fit-tmiem tas-sena ma jippermettix li wieħed jistabbilixxi l-bilanċ ta' qamħirrum u sorgu li jkun fadallu jiġi importat fis-sena partikolari. Għaldaqstant, il-perjodu li matulu l-importazzjonijiet jistgħu jiġu riżervati kontra xi sena għandu jkun jista' jiġi estiż, f'każ ta' bżonn, għax-xhur ta' Jannar u Frar tas-sena ta' wara.

(7) Huwa fl-interess tal-operaturi Komunitarji li jiżguraw kunsinna xierqa bi prezzijiet stabbli ta' prodotti konċernati fis-suq Komunitarju u fl-istess waqt għandhom jevitaw riskji bla bżonn u eċċessivi kif ukoll taqlib tas-suq fil-forma ta' tlugħ u nżul estremi fil-prezzijiet. Il-Kummissjoni, filwaqt li tikkonsidra s-swieq internazzjonali kif qed jevolvu, il-kundizzjonijiet tal-kunsinna fi Spanja u l-Portugall, u r-rabtiet internazzjonali tal-Komunita', għandha tiddeċiedi jekk hux meħtieġ tnaqqis fid-dazji ta' importazzjoni applikabbli li huma ffissati skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/96 tat-28 ta' Ġunju 1996 dwar ir-regoli ta' applikazzjoni (dazji ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali) għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) 1766/92 ([1]) sabiex tiżgura li l-kwoti ta' importazzjoni għall-prodotti konċernati jiġu kompletament milħuqin.

(8) Sabiex tiżgura illi dawn il-kwoti jiġu applikati, trid issir dispożizzjoni għax-xiri dirett mis-suq globali jew applikazzjoni ta' sistema ta' riduzzjoni ta' dazju ta' importazzjoni stabbilita skond ir-Regolament (KE) Nru 1249/96.

(9) L-assjem ta' vantaġġi mogħtija fl-arranġamenti stabbiliti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 ([2]), li japplika għall-prodotti mportati fil-Komunità ta' sorgu u qamħirrum li joriġinaw f'ċerti Stati li huma parti mill-grupp ta' l-Istati Afrikani, l-Karibew u l-Paċifiku (ACP) u skond dan ir-Regolament huwa soġġett illi joħloq disturbi fis-suq ta' ċereali Spanjol jew Portugiż. Dik id-diffikultà tista' tingħeleb billi jiġi stabbilit tnaqqis speċjali tat-taxxa fuq il-qamħirrum u sorgu importati skond dan ir-Regolament.

(10) F'każ ta' xiri dirett fis-suq globali, u bl-iskop illi tgħin sabiex l-attività titwettaq skond l-aħjar kundizzjonijiet u b'mod partikolari bl-inqas spejjez ta' xiri u trasport, trid tiġi organizzata sejħa għall-offerti għall-provediment u trasport għal-imħażen nominati mill-aġenzija li tħallas jew mill-aġenzija li tintervjeni konċernata. Trid issir disposizzjoniji għall-offerti illi jsiru għall-lottijiet individwali skond il-possibilitajiet ta' ħażna disponibbli f'ċerti lokalitajiet fl-Istati Membri konċernati u ppubblikati fin-notifika tas-sejħa tal-offerta.

([1]) ĠU L 161, 29.6.1996, p. 125.
([2]) ĠU L 348, 31.12.2007, p. 1.

▼B

(11) Jridu jiġu adottati regoli dettaljati dwar l-organizazzjoni tas-sejħiet biex isiru l-offerti għar-riduzzjoni ta' dazju ta' importazzjoni u għax-xiri dirett mis-suq globali, u l-kundizzjonijiet tal-għoti ta' offerti u t-tpoġġija u r-rilaxx ta' garanziji illi jiżguraw konformità ma' l-obbligazzjonijiet tal-persuna li ħadet l-offerta jridu jiġu ċċarati.

(12) Bl-iskop ta' ekonomija soda u maniġjar finanzjarju ta' l-attivitajiet ta' xiri in-kwistjoni u b'mod partikolari biex ma' jkunx hemm riskji sproporzjonati u eċċessivi għall min jopera in vista ta' prezzijiet prevedibbli fis-swieq Spanjoli u Portugiżi, trid issir dispożizzjoni sabiex jiġu impurtati fis-suq, b'rata ta' dazju mnaqqsa, ċereali illi ma' jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' kwalità msemmijin fis-sejħa ta' offerti. F'dak il-każ, madanakollu, it-tnaqqis fid-dazju ma' jistax ikun akbar mill-ammont l-aħħar stabbilit għar-riduzzjoni in-kwistjoni.

(13) Trid issir disposizzjoniji biex tkopri l-attivitajiet li jinħolqu permezz ta' dan ir-Regolament skond mekkaniżmi msemmijin fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju dwar iffinanzjar tal-politika komuni agrikola ([1]).

(14) Il-miżuri msemmijin f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni ta' l-organizazzjoni komuni tas-swieq agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

ĠENERALI

Artikolu 1

▼M1

1. Żewġ kwoti tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-kwantità massima, rispettivament, ta' 2 miljun tunnellata qamħirrum u ta' 0.3 miljun tunnellata sorgu, jitqiesu miftuħin b'seħħ mill-1 ta' Jannar ta' kull sena, għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fi Spanja. L-importazzjonijiet taħt dawk il-kwoti għandhom jiġu effettwati kif stabbilit f'dan ir-Regolament.

2. Kwota tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-kwantità massima ta' 0.5 miljun tunnellata qamħirrum, titqies miftuħa b'seħħ mill-1 ta' Jannar ta' kull sena, għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fil-Portugall. L-importazzjonijiet taħt dawk il-kwoti għandhom jiġu effettwati kif stabbilit f'dan ir-Regolament.

▼B

3. F'każ ta' diffikultajiet tekniċi illi tinduna bihom il-Kummissjoni jista' jiġi iffissat perijodu ta' importazzjoni li jaqbeż dak il-limitu ta' żmien stabbilit skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(2), tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

([1]) ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.

▼B

4. It-tnaqqis fid-dazju ta' l-importazzjoni fuq il-qamħirrum iebes stabbilit fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96 ma japplikax taħt il-kwoti previsti fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 2

1. Il-kwantitajiet għall-importazzjoni ġewwa l-Ispanja li għalihom issir referenza fl-Artikolu 1(1) għandhom jiġu mnaqqsa kull sena b'mod proporzjonat mal-kwantitajiet ta' fdalijiet ta' lamtu manifatturat mill-qamħirrum li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2303 10 19 u 2309 90 20, fond u skart tal-proċess tal-produzzjoni tal-birra jew tad-distillazzjoni li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2303 30 00 u fdalijiet tal-polpa taċ-ċitru li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 2308 00 40 impurtati ġewwa l-Ispanja minn pajjiżi terzi matul is-sena partikolari.

2. Il-Kummissjoni għandha tirriżerva għall-kwoti msemmija fl-Artikolu 1(1) u (2):

(a) il-kwantitajiet ta' qamħirrum (kodiċi NM 1005 90 00) u ta' sorgu (kodiċi NM 1007 00 90) importati fi Spanja kull sena kalendarja u l-kwantitajiet ta' qamħirrum (kodiċi NM 1005 90 00) importati fil-Portugall u, jekk meħtieġ, sa l aħħar tax-xahar ta' Mejju tas-sena ta' wara;

(b) il-kwantitajiet ta' residwi tal-manifattura tal-lamtu mill-qamħirrun, il-fdalijiet tal birrerija u d-distillazzjoni u l-iskart u r-residwi mil-lbieba taċ-ċitru msemmija fil paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu importat fi Spanja waqt is-sena kalendarja.

Meta kwantitajiet irriżervati għax-xhur wara s-sena kalendarja ta' referenza skond l-ewwel subparagrafu, dawn il-kwantitajiet ma jistgħux jiġu rriżervati aktar għas-sena kalendarja ta' wara.

3. Għall-finijiet tar-riżervazzjoni prevista fil-paragrafu 2, mhumiex qed jitqiesu l-importazzjoniiet tal-qamħirrum fi Spanja u l-Portugall li saru b'applikazzjoni ta' l-atti li ġejjin.

(a) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2000 ([1]);

(b) Id-Deċiżjoni 2005/40/KE, Euratom tal-Kunsill u tal-Kummissjoni ([2]);

(ċ) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/580/KE ([3]);

(d) Ir-Regolament tal-Kumissjoni (KE) Nru 969/2006 ([4]).

Artikolu 3

L-awtoritajiet kompetenti ta' Spanja u l-Portugall għandhom jikkomunikaw elettronikament lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-15 ta' kull xahar, il-kwantitajiet tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 2(2), li jkunu ġew importati tul it-tieni xahar ta' qabel, fuq il-bażi tal-mudell fl-Anness I.

([1]) ĠU L 240, 23.9.2000, p. 1.
([2]) ĠU L 26, 28.1.2005, p. 1.
([3]) ĠU L 239, 1.9.2006, p. 1.
([4]) ĠU L 176, 30.6.2006, p. 44.

▼B

Artikolu 4

1. Il-kwantitajiet ta' qamħirrum u sorgu msemmijin fl-Artikolu 1(1) għandhom jingħataw għall-ipproċessar jew użu fi Spanja.

2. Il-kwantitajiet ta' qamħirrum msemmijin fl-Artikolu 1(2) għandhom jingħataw għall-ipproċessar jew użu fil-Portugall.

Artikolu 5

L-importazzjonijiet għandhom ikunu effetwati lill-Spanja u l-Portugall, bħala parti minn dawn il-kwoti u fil-limiti kwantitattivi stabbiliti fl-Artikolu 1, billi jiġi applikata sistema ta' tnaqqis ta' dazju ta' importazzjoni kif prevista fl-Artikolu 6, jew permezz ta' xiri dirett fis-suq dinji.

IL-KAPITOLU II

IMPORTAZZJONI BIR-RIDUZZJONI TA' DAZJU TA' IMPORTAZZJONI

Artikolu 6

1. Bla ħsara għall-Artikolu 15, għall-importazzjoni ta' qamħirrum u sorgu fi Spanja u l-Portugall u importazzjonita' qamħirrum fil-Portugall, fil-limiti kwantitattivi stabbiliti fl-Artikolu 1 (1) u (2), tista' applikata riduzzjoni għad-dazju ta' importazzjoni ffissat skond ir-Regolament (KE) Nru 1249/96.

2. Il-Kummissjoni, filwaqt li tikkunsidra il-kundizzjonijiet tas-suq eżistenti, għandha tiddeċiedi jekk it-tnaqqis previst fil-paragrafu 1 għandu jiġi applikat, sbaiex jiġi żgurat li l kwoti ta' importazzjoni jiġu milħuqa.

3. Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tapplika tali tnaqqis, l-ammont tat-tnaqqis għandu jiġi stabbilit fuq bażi ta' rata fissa jew bi proċedura ta' sejħa għall-offerti, f' livell li fl-ewwel lok jevita distorsjoni fis-swieq Spanjoli u Portugiżi bħala riżultat ta' importazzjoni f'dawk il pajjiżi, u fit-tieni lok, li jħalli l-kwantitajiet imsemmija fl-Artikolu 1, (1) u (2) jiġu attwalment importati.

4. L-ammont tar-rata fissa ta' riduzzjoni u, jekk ir-riduzzjoni hi ffissata skond il-proċedura ta' sejħiet għall-offerti msemmija fl-Artikolu 8(1), l-ammont ta' l-aħħar riduzzjoni, għandu jiġi stabbilit skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

F'każ ta' importazzjoni fil-Portugall, l-ammont ta' riduzzjoni msemmi fil-paragrafu 3 għandu jiġi ffissat b'tali mod illi d-dazju mħallas ma' jaqbiżx EUR 50 kull tunnellata.

Jista' jkun hemm differenza fit-tnaqqis ta' importazzjoni ta' qamħirrum u/jew sorgu skond ir Regolament (KE) Nru 1528/2007.

▼B

5. It-tnaqqis tad-dazju ta' importazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi applikat għall-importazzjoni fi Spanja ta' qamħirrum li huma skond il- Kodiċi NM 1005 90 00 u sorgu li jhuwa skond Kodiċi NM 1007 00 90 u importazzjoni fil-Portugal ta' qamħirrum li huwa skond il-Kodiċi NM 1005 90 00, li huma koperti b'liċenzi maħruġin mill-awtoritajiet Spanjoli u Portugizi kif preskritti f'dan ir-Regolament u bil-kunsens tal-Kummissjoni. Dawn il-liċenzi għandhom ikunu validi fl-Istati Membri fejn ġew maħruġin biss.

Artikolu 7

1. Tista' tiġi organizzata proċedura ta' sejħa għall-offerti għat-tnaqqis fid-dazju fuq l-importazzjoni. F'kazijiet bħal dawn, il-partijiet interessati għandhom jirrispondu għas-sejħa għall-offerti jew billi jippreżentaw offerta bil-miktub lill-korp kompetenti speċifikat fis-sejħa għall-offerti, li għandu joħorġilhom irċevuta, jew billi jibagħtu dik l-offerta lil dan ta' l-aħħar permezz ta' ittra reġistrata, telex, fax jew telegramma.

2. L-offerti jridu jagħtu:

(a) ir-riferenza tas-sejħa għall-offerti;

(b) l-isem u l-indirizz eżatt tal-persuna illi ser titfa' l-offerta, kif ukoll in-numru tat-telex jew telefax;

(ċ) in-natura u l-kwantità tal-prodott li ser jiġi importat;

(d) l-ammont għall kull tunellata tar-riduzzjoni fid-dazju ta' importazzjoni f'euros;

(e) il-post ta' l-oriġini taċ-ċereali li ser jiġu importati.

3. Is-sejħiet għall-offerti jrid ikollhom magħhom:

(a) xiehda illi l-persuna li aċċettat is-sejħa għall-offerta poġġiet garanzija ta' EUR 20 għall kull tunnellata; u

(b) il-persuna li aċċettat is-sejħa tidħol fl-obbligu bil-miktub illi, fiż-żmien jumejn min notifika illi ntrebaħ il-kuntratt, hi ser tagħti lill-korp kompetenti konċernat applikazzjoni għall-liċenza ta'importazzjoni għall-kwantità li ntrebaħ, u li ser timporta mill-pajjiż ta' oriġini speċifikat fis-sejħa għall offerti.

4. Offerti jridu jsemmu pajjiż ta' oriġini wieħed biss; ma jistgħux jaqbżu il-kwantità massima disponibbli għall kull limitu ta' zmien ta' sejħiet għall-offerti.

5. Offerti li m'humiex preżentati skond il-paragrafi 1 sa 4 jew li għandhom kundizzjonijiet oħrajn barra dawk li huma stipulati fl-offerta mhux ser jiġu kunsidrati.

6. Offerti ma' jistgħux jiġu rtirati.

7. Offerti jridu jintbagħtu lil-Kummissjoni mill-korp kompetenti mhux aktar tard minn sagħtejn wara l-egħluq taż-żmien għat-tpoġġija ta' offerti kif speċifikat fis-sejħa għall-offerti. Iridu jingħataw fil-formula murija fl-Anness II.

Meta ma jingħataw l-ebda offerti, l-Istati Membri konċernati jridu jinfurmaw lill-Kummisjoni fl-istess limitu ta' żmien.

▼B

Artikolu 8

1. A bażi ta' offerti mgħotija u mibgħuta skond proċedura ta' offerti għar-ta' dazju ta' importazzjoni l-Kummissjoni trid tiddeċiedi, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(2) tar- Regolament (KE) Nru 1234/2007:

(a) illi tiffissa r-rata ta' riduzzjoni ta' dazju ta' importazzjoni, jew ma' tkomplix il proċedura ta' offerti;

(b) meta jiġi deċiż illi tiġi iffissata riduzzjoni massima ta' dazju ta' importazzjoni, kull offerta jew offerti.

Għall-ammont ekwivalenti (jew anqas) mir-riduzzjoni massima, għandhom jiġu aċċettati. Madankollu, fejn ir-riduzzjoni massima fissata skond il-proċedura ta' offerta għal ġimgħa mogħtija twassal għall-aċċettazzjoni ta' kwantitajiet li jaqbżu il-kwantitajiet li jibqgħu għall importazzjoni, l-persuna li tefgħet l-offerta illi taqbel mar-riduzzjoni massima aċċettata għandha tingħata kwantità ekwivalenti għad-differenza bejn is-somma tal-kwantitajiet li applikat għalihom fl-offerti l-oħrajn li ġew aċċettati u l-kwantità disponibbli. Meta t-tnaqqis massimu fissat jaqbel ma' diversi offerti, l-kwantità li trid tingħata għandha tkun maqsuma bejn il-persuni li għamlu l-offerta skond il-kwantitajiet rispettivi li għalihom huma għamlu l offerta.

2. L-awtoritajiet kompetenti fi Spanja jew il-Portugall iridu javżaw lil dawk li jitfgħu l-offerti kollha bil-miktub x'ġara mill-offerti tagħhom malli l-Kummissjoni tieħu d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 9

1. Applikazzjonijiet għal-liċenza għandhom jingħataw f'formoli stampat u/jew magħmulin skond l-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008 ([1]). Meta rata fissa ta' riduzzjoni tiġi adottata mill-Kummissjoni, l-applikazzjonijiet iridu jintbagħtu fl-ewwel jumejn ta' xogħol ta' kull ġimgħa. Meta r-riduzzjoni fid-dazju tingħata skond proċedura ta' offerti, l-applikazzjonijiet iridu jintbgħatu, għal kwantità li intrebħet, fi żmien jumejn minn meta irċevew notifika illi rebħu, li juru ir-riduzjoni kif proposta fl-offerta.

2. Section 24 of licence applications and licences shall contain one of the entries listed in Annex III.

3. Meta tapplika rata fissa ta' tnaqqis, l-applikazzjonijiet għall-liċenzja għandhom jiġu kkunsidrati meta tingħata prova li ngħatat garanzija ta' EUR 20 kull tunnellata favur l awtorità kompetenti konċernata biss.

Artikolu 10

1. Applikazzjonijiet għall-liċenza jrid ikollhom impenn bil-miktub mill-applikant, li jagħti, sa mhux aktar tard mid-data tal-ħruġ tal-liċenza, garanzija illi jagħti ammont għall kull tunnellata ekwivalenti għar-rata fissa ta' tnaqqis ta' dazju li ingħatat jew dik ir-riduzzjoni proposta fl-offerta.

([1]) ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3.

▼B

2. Il-livell ta' garanzija msemmi fl-Artikolu 12(a) tar-Regolament tal-Kummissijoni (KE) Nru 1342/2003 ([1]) għandu japplika għall liċenzi ta' importazzjoni maħruġin skond dan ir Regolament.

3. Meta rata fissa ta' tnaqqis ġiet addottata mill-Kummissjoni, r-rata ta' tnaqqis u r-rata ta' dazju ta' importazzjoni applikata għandha tkun dik li tapplika fil-ġurnata meta ċ-ċertifikat ta' rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera ġie aċċetat mill-uffiċċju tad-dwana.

4. Meta t-tnaqqis ġie iffissat skond proċedura ta' sejħiet għall-offerti, r-rata ta' dazju applikata għandha tkun dik li tapplika fil-ġurnata meta iċ-ċertifikat ta' rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera ġie aċċettat mill-uffiċju tad-dwana. Barra minn hekk, l-ammont ta' tnaqqis mgħoti jrid jidher fis-sezzjoni 24 tal-liċenza.

Madanakollu, fil-każ ta' importazzjonijiet effetwati wara l-aħħar tax-xahar li fih tkun inħarġet il-liċenza ta' importazzjoni, jekk ix-xahar li fih tkun inħarġet il-liċenza jkun bejn Ottubru u Mejju inklużi l-ammont tat-tnaqqis mogħti għandu jiżdied b'ammont li jkun daqs id-differenza bejn il-prezz ta' intervent fis-seħħ fix-xahar li fih tkun inħarġet il-liċenza miżjud b' 55 % u l-prezz fis-seħħ fix-xahar li fih iċ-ċertifikat ta' rilaxx għal ċirkolazzjoni libera jkun aċċettat miżjud bl-istess perċentwali. Fil-każ ta' liċenzi maħruġa qabel l-1 ta' Ottubru u wżati minn dik id-data, l-ammont ta' tnaqqis mogħti għandu jitnaqqas b'ammont li jiġi kalkolat bl-istess mod.

5. Applikazzjonijiet ikunu validi biss jekk:

(a) ma jaqbżux il-kwantità massima disponibbli għall kull limitu ta' żmien li fih jingħataw l-applikazjonijiet, u

(b) jkollhom prova illi in-negozju ta' l-applikant jinkludi kummerċ internazzjonali fiċ-ċereali fl-Istati Membri li qedgħin jimportaw. Għall iskop ta' dan l-Artikolu din il-prova trid tikkonsisti fil-prezentazzjoni lill-awtorità kompetenti jew kopja ta' ċertifikat ta' ħlas tat-taxxa għal valur miżjud fl-Istat Membru konċernat jew ta' kopja ta' jew ċertifikat ta' permess tad-dwana maħrug mill-Istat Membru konċernat għal-licenza ta' importazzjoni jew esportazzjoni jew riċevuta li għandha x'taqsam ma' negozju fil-Komunità fl-isem ta' l-applikant għall-attività magħmula f'xi sena matul it-tlett snin ta' qabel.

6. L-awtoritajiet doganali ta l-Istat Membru li jimporta għandhom jieħdu kampjuni rappreżentativi minn kull kunsinna mportata skond l-Anness tad-Direttiva tal-Kummissjoni 76/371/KEE ([2]), sabiex jiġi stabbilit il-kontenut ta' qamħ żġieġi, u dana billi jintużaw il-metodu u l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96.

Artikolu 11

1. Meta rata fissa ta' riduzzjoni ġiet adottata mill-Kummissjoni, liċenzi għandhom jinħarġu, fil-limiti tal-kwantitajiet disponibbli, mhux aktar tard minn jum il-Ġimgħa li jiġi wara l-aħħar ġurnata għall-preżentazzjoni kif speċifikat fl-Artikolu 9(1). Meta l-Ġimgħa ma tkunx ġurnata ta' xogħol, għandhom jinħarġu fl-ewwel jum ta' xogħol li jkun imiss.

([1]) ĠU L 189, 29.7.2003, p. 12.
([2]) ĠU L 102, 15.4.1976, p. 1.

▼B

Jekk l-applikazzjonijiet li jkunu saru għal ġimgħa jkunu għall kwantitajiet li jaqbżu dawk il-kwantitajiet li għadhom disponibbli ta' qamħirrum u sorgu fi Spanja u tal-qamħirrum fil-Portugall, l-kwantitajiet li għalihom jinħarġu liċenzi għandhom ikunu dawk il-kwantitajiet indikati fl-applikazzjonijiet, mnaqqsin b'perċentwali uniformi.

2. Meta tnaqqis fid-dazju hu fiss skond proċedura ta' offerti, għandhom jinħarġu liċenzi, bil-kundizzjoni illi l-appaltatur ikun tefa' l-applikazzjoni għall liċenza ta' importazzjoni kif msemmi fl-Artikolu 7(3)(b) qabel il-limitu ta' żmien speċifikat, għall kwantitajiet mgħotija mhux aktar tard mit-tielet jum ta' xogħol wara l-aħħar ġurnata biex jingħataw applikazzjonijiet għal-liċenzi kif stipulat fl-l-Artikolu 9(1).

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-kwantitajiet li għalihom inħarġu liċenzi kull ġimgħa mhux aktar tard mit-tielet jum ta' xogħol tal-ġimgħa ta' wara.

4. Minkejja l-Artikolu 22(1) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008 liċenzi ta' importazzjoni għandhom, bl-iskop li jiġi determinat il-perijodu ta' validità tagħhom, jitqiesu li nħarġu fil-ġurnata tal-eħluq tal-limitu taż-żmien biex jingħataw offerti jew applikazzjonijiet.

Artikolu 12

1. Il-perjodu ta' validità tal-liċenzi għandu jkun:

(a) il-perjodu msemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1342/2003 f'każijiet fejn rata fissa ta'

(b) riduzzjoni ġiet addottata mill-Kummissjoni, — il-perijodu msemmi fir-Regolament illi jibda s-sejħa għall-offerti, fil-każ ta' liċenzi maħruġin skond il-proċedura ta' offerti għat-tnaqqis fid-dazju.

2. Fit-8 kaxxa tal-liċenza ta' importazzjoni, jrid isir salib fejn il-kelma "iva". Minkejja l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, il-kwantità rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera "ma' tistax taqbeż il-kwantità msemmija fis-sezzjonijiet 17 u 18 tal-liċenza ta' importazzjoni, iżda tista' tkun inqas mill-kwantità msemmija fis-sezzjonijiet 17 u 18 sa massimu ta' 5 %". Trid tinkiteb il-figura "0" fis-sezzjoni 19 tal-liċenzja.

3. Minkejja l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, id-drittijiet li jirriżultaw mill-liċenzi ta' importazzjoni skond dan ir-Regolament ma' jistgħux jiġu trasferiti.

Artikolu 13

1. Mingħajr preġudizzju għal miżuri ta'sorveljanza adottati skond l-Artikolu 14, il-garanzija msemmija fl-Artikolu 7(3)(a) għandha tiġi rilaxxata:

(a) minnufih, meta l-offerta ma' gietx aċċettata;

(b) meta l-offerta li ingħatat għall proċedura tal-offerti ġiet aċċettata, mal-ħruġ tal-liċenzja ta' importazzjoni. Madankollu, fejn l-obbligazzjoni msemmija fl-Artikolu 7(3)(b) ma ġietx imwettqa, l-garanzija tintilef.

▼B

2. Mingħajr preġudizzju għal miżuri ta'sorveljanza adottati skond l-Artikolu 14, il-garanzija msemmija fl-Artikolu 9(3) għandha tiġi rilaxxata:

(a) minnufih, fir-rigward ta' dawk il-kwantitajiet li għalihom ma' nħargitx liċenza; u

(b) mal-ħruġ tal-liċenzja ta' importazzjoni, rigward dawk il-kwantitajiet li għalihom inħarġet liċenza.

3. Mingħajr preġudizzju għall-miżuri ta' sorvelljanza adottati skond l-Artikolu 14, il-garanzija li għaliha ssir referenza fl-Artikolu 10(1) għandha tiġi meħlusa meta l-proponent jġib prova li:

(a) għar-rigward ta' qamħirrum li l-analiżi tiegħu mwettqa skond id-dispożizzjonijiet msemmija fl-Artikolu 10(6) turi kontenut ta qamħ żġieġi ta' aktar minn 60 %, li l-prodott importat ġie pproċessat fl-Istat Membru tar-rilaxx għal ċirkulazzjoni libera f'xi prodott minbarra dawk li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1904 10 10, 1103 13 jew 1104 23. Dik il-prova għandha tingħata fil-forma ta' kopja ta' kontroll T5 mfassla mill-uffiċċju doganali, skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 ([1]), qabel it-tluq tal-merkanzija għall-ipproċessar,

(b) għar-rigward ta' qamħirrum li l-analiżi tiegħu li tkun saret skond msemmija fl-Artikolu 10(6) turi kontenut ta' qamħ żġieġi ta' 60 % jew inqas u għar-rigward tas-sorgu, li l-prodott importat ikun ġie pproċċessat jew użat fl-Istat Membru tar-rilaxx għal ċirkulazzjoni libera.Dik il-prova tista' tingħata fil-forma ta' fattura ta' bejgħ lil proċessur jew konsumatur li għandhom il-kwartieri ġenerali fil-Pajjiż Membru tar-rilaxx għal ċirkulazzjoni libera, jew

(ċ) li l-prodott ma setax jiġi mpurtat, ipproċessat jew użat minħabba force majeure, jew

(d) li l-prodott importat ma jkunx għadu tajjeb għal ebda tip ta' użu.

Għall-kwantitajiet li għalihom il-prova hawn fuq msemmija ma' tingħatax fi żmien ta' 18 il-xahar mid-data ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera il-garanzija tinżamm bħala dazju.

Għall iskopijiet ta' dan l-Artikolu, l-ipproċessar jew l-użu tal-prodott importat jitqies illi sar jekk 95 % tal-kwantità rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera ġiet ipproċessata jew utiliżata.

4. Garanziji għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 34 tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, bl-eċċessjoni ta' dik id-dispożizzjonijiet dwar il-limitu ta' żmien ta' xaharejn riferiti fil-paragrafu 4 tal-imsemmi l-Artikolu.

Artikolu 14

1. Qamħirrum u sorgu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera b'dazju imnaqqas għandhom jibqgħu fis-sorveljanza tad-dwana jew taħt kontroll amministrattiv b'effett ekkwivalenti sa' dak iż-żmien li jiġu wżati jew proċessati.

([1]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

▼B

2. L-Istat Membru konċernat għandu, jekk ikun hemm bżonn, jieħu l-miżuri neċessarji biex jiżgura illi s-sorveljanza msemmija fil-paragrafu 1 isseħħ. Dawn il-miżuri għandhom jinkludu illi importaturi jissotomettu għal kull kontroll illi l-awtoritajiet kompetenti jqisu neċessarju u li jżommu reġistri speċifiċi li jippermetu lill-awtoritajiet li jagħmlu dawn il-kontrolli.

3. L-Istat Membru konċernat għandu jinnotifika immedjatament lill-Kummissjoni bil-miżuri adottati skond it-2 paragrafu.

IL-KAPITOLU III

XIRI DIRETT FIS-SUQ GLOBALI

Artikolu 15

1. Bl-iskop illi jiġu effetwati l-prodotti importati msemmijin fl-Artikolu 1, jista' jiġi deċiż, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, illi l-aġenzija li tħallas jew l-aġenzija ta' intervent Spanjola jew Portugiża, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-aġenziji ta' intervent", għandha tixtri fis-suq globali kwantitajiet ta' qamħirrum u/jew sorgu li jrid jiġi stabbilit, u għandha tpoġġi fl-Istat Membru kkonċernat skond proċeduri ta' dazju ta' ħażna skond l-Artikoli 98 sa 113 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 ([1]) u d-dispożizjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet ta'l-applikazzjoni ta'din is-sistema.

2. Il-kwantitajiet mixtrijin skond il-paragrafu1 għandhom jitpoġġew għall-bejgħ fis-suq domestiku ta' l-Istat Membru kkonċernat, skond il-procedura msemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, fuq termini illi jippermettu li disturbi fis-suq jiġu evitati u skond l-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament.

Meta l-oġġetti jitpoġġew għall-bejgħ fis-suq domestiku, x-xerrej irid ipoġġi ma' l-aġenzija li tintervjeni ta' l-Istat Membru kkonċernat mal-ħlas għall-prodotti garanzija ta' EUR 15 kull tunnellata. Il-garanzija trid tiġi rilaxxata meta tingħata l-prova msemmija fl-Artikolu 13(3). Għal finijiet tar-rilaxx tal-garanzija, d-dispożizzjonijiet tat-tieni u tielet subparagrafi ta' l-Artikolu 13(3) u dawk ta' l-Artikolu 13(4) għandhom japplikaw.

3. Meta l-oġġetti jitpoġġew f'ċirkolazzjoni libera, dazju ta' importazzjoni għandu jkun dovut, ekwivalenti għal medja ta' dazji fissati skond ir-Regolament (KE) Nru 1249/96 għal ċereali konċernati matul ix-xahar li jiġi qabel id-data ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera, u jrid jitnaqqas ammont ekwivalenti għal 55 % tal-prezz ta' intervet ta' l-istess xahar.

Id-daħla fiċ-ċirkolazzjoni libera għandha tiġi effetwata mill-aġenzija li tintervjeni ta' l-Istat Membru konċernat.

([1]) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

▼B

Meta x-xerrejja tal-oġġetti jagħmlu ħlas lil-aġenzija li tintervjeni, l-prezz ta' bejgħ, wara li jitnaqqas id-dazju msemmi fl-ewwel subparagrafu, għandu jkun jaqbel ma' somma maħduma skond l-Artikolu 5(2) (f) tar-Regolament (KE) Nru 884/2006 tal-Kummissjoni ([1]).

4. l-operazzjoni ta' xiri msemmija fil-paragrafu 1 għandha titqies bħala intervent bl-iskop li jissaħħaħ is-suq agrikolu skond id-definizzjoni ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

5. Ħlas mill-aġenzija li tintervjeni għax-xiri kif provdut fil-paragrafu 1 għandu jiġi merfugħ mill-Komunità meta jkun dovut u għandu jiġi meqjus bħala interventi skond l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament (KE) 1290/2005. L-aġenzija li tintervjeni ta' l-Istat Membru konċernat għandha tirreġistra l-valur ta' l-oġġetti mixtrija bi prezz "zero" fil-kalkolu msemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 884/2006.

Artikolu 16

1. L-agenziji Spanjoli jew Portugiżi li jintervjenu għandhom jirranġaw biex il-prodott jinxtara fis-suq globali billi jintrebaħ kuntratt ta' provvista skond il-proċedura ta' sejħa għall-offerti. Il-konsenja għandha tikkonsisti fix-xiri tal-prodott mis-suq globali u t-trasport, mgħobbi, sa' l-imħażen nominati mill-imsemmija aġenziji li jintervjenu sabiex jitpoġġew fil-proċedura ta' tpoġġija fl-imħażen preskritti fl-Artikoli 98 sa 113tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Id-deċiżjoni illi jsir xiri fuq is-suq globali msemmija fl-Artikolu 15(1) għandha tispeċifika b'mod partikolari l-kwantità u l-kwalità ta' ċereali li ser jiġu mportati, id-dati tal-ftuħ u ta' l-egħluq tal-proċedura ta' l-offerti u d-data finali għat-trasport ta' l-oġġetti.

2. Notifika tas-sejħa ta' l-offerti magħmula skond ir-IV l-Anness trid ukoll tkun pubblikata fis-serje "Ċ" *tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*. Is-sejħa għandha tittratta konsenja waħda jew aktar minn konsinja waħda. "konsinja" għandu jinftiehem illi jfisser il-kwantitajiet li jridu jiġu kkunsinjati kif speċifikati fl-offerta.

3. L-aġenzija li tintervjeni ta' l-Istat Membru koncernat għandha tadotta, kif meħtieġ, miżuri addizzjonali għall-implementazzjoni tal-attivitajiet ta' xiri fis-suq globali in-kwistjoni.

L-aġenzija trid tinnotifika lill-Kummissjoni immedjatament b'dawn il-miżuri u trid tinforma bihom lill-operaturi.

Artikolu 17

1. Persuni interessati għandhom jirrispondu għas-sejħa ta' offerti jew bili jagħtu offerta bil-miktub u jieħdu riċevuta ta' rikkonoxximent u l-aġenzija li tintervjeni trid tkun indikata fin-notifika tas-sejħa għal offerti, jew billi jagħtu l-istess lill-din ta' l-aħħar permezz ta' ittra reġistrata, telex, telefax jew telegramma.

([1]) ĠU L 171, 23.6.2006, p. 35.

▼B

Offerti jridu jaslu għand l-aġenzija li tintevjeni qabel nofsinhar (ħin ta' Brussell) fil-ġurnata meta l-limitu ta' żmien sabiex jingħataw l-offerti indikata fin-notifika tas-sejħa ta' l-offerti jagħlaq.

2. Offerti jistgħu jingħataw biss għall-konsenji sħaħ. Huma jridu jagħtu:

(a) ir-riferenza tas-sejħa biex isir l-appalt;

(b) l-isem u l-indirizz eżatt tal-appaltatur, kif ukoll in-numru tat-telex jew telefax;

(ċ) dettalji tal-konsenja konċernata;

(d) il-prezz tal-offerta propost, għall kull tunellata tal-prodott f'euros;

(e) il-post tal-oriġini taċ-ċereali li ser jiġu importati;

(f) separatament, il-prezz cif, għall kull tunnelata tal-prodott f'euros, illi jaqbel ma l-appalt.

3. L-Offerti jrid ikollhom magħhom prova illi l-garanzija msemmija fl-Artikolu 18(1) ingħatat qabel ma għalaq il-limitu ta' żmien biex jingħataw l-offerti.

4. L-offerti li ma jingħatawx skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jew li jkollhom kundizzjonijiet oħrajn li mhumiex stipulati fis-sejħa għall-offerti ma gaħandhomx jiġu kkunsidrati.

5. L-offerti ma' jistgħux jiġu rtirati.

Artikolu 18

1. L-offerti mogħtija għandhom jiġu kunsidrati biss meta hemm prova illi ngħatat garanzija ta' EUR 20 għall kull tunnelata.

2. Il-garanziji għandhom jingħataw skond il-kriterji preskritti fis-sejħa għall-offerti msemmija fl-Artikolu 16(2) mill-Istat Membru konċernat, skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 ([1]).

3. Garanziji għandhom jiġu rilaxxati immedjatament fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-appalt ma' ġiex aċċettat;

(b) meta l-persuna li għamlet l-offerta tagħti prova illi l-kuntratt ta' provvista twettaq skond il-kundizzjonijiet msemmijin fl-Artikolu 16 għall-offerta aċettat;

(ċ) meta l-appaltatur jipprova li l-oġġetti ma' setgħux jiġu importati għal raġunijiet maġġuri ta' forza.

Artikolu 19

L-offerti għandhom jinfetħu u jinqraw pubblikament. Dan għandu jsir mill-aġenzija li tintervjeni immedjatament wara l-egħluq taż-żmien għall-għoti ta' offerti.

([1]) ĠU L 205, 3.8.1985, p. 5.

▼B

Artikolu 20

1. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-paragrafi 2 u 3, id-deċiżjoni li jingħata l-kuntratt lil appaltatur li hu l-aktar favorevoli trid tiġi notifikata lil-appaltaturi kollha bil-miktub mhux aktar tard mit-tieni jum ta' xogħol wara il-jum li fih l-offerti nfetħu u nqraw.

2. Meta l-offerta li ġiet ġudikata bħala l-iktar waħda favorevoli tingħata simultanjament minn aktar minn appaltatur wieħed, l-aġenzija li tintervjeni għandha tuża l-polza biex tiddeċiedi liema appaltatur għandu jingħażel.

3. Jekk l-offerti li ngħataw ma jidhrux illi jiriflettu il-kundizzjonijiet li normalment japplikaw fis-swieq, l-aġenzija li tintervjeni tista' tiddeciedi li ma tagħtix il-kuntratt. Sejħiet għall-offerti jridu jiġu mġedda fi żmien ġimgħa sakemm il-kuntratti kollha ntrebħu.

Artikolu 21

1. L-aġenzija li tintervjeni għandha tiċċekja l-kwantità u l-kwalità ta' l-oġġetti fil-mument tal-provvista.

Bla ħsara għall-applikazzjoni ta' tnaqqis fil-preżż msemmi fin-notifika tas-sejħa ta' l-offerti l-oġġetti jiġu rrifjutati jekk il kwalità hija inqas mill-kwalità minima stabilita. Madanakollu l-oġġetti jistgħu jiġu mportati b' dazju mnaqqas, li jingħata billi tiġi applikata rata fissa ta' riduzzjoni skond il-Kapitolu II.

2. Meta, skond il-paragrafu 1, ma ssirx il-konsenja, l-garanzija msemmija fl-Artikolu 18 tintilef mingħajr preġudizzju għal konsegwenzi finanzjarji oħrajn għal ksur tal-kuntratt ta' konsenja.

IL-KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

▼M3

Artikolu 21a

In-notifiki msemmija fl-Artikoli 3, 14 u 16 għandhom isiru skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 792/2009 ([1]).

▼B

Artikolu 22

Ir-Regolament (KE) Nru 1839/95 hu mħassar.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness VI.

Artikolu 23

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara il-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

([1]) ĠU L 228, 1.9.2009, p. 3.

▼B

ANNESS I

Importazzjonijiet ta' qamħirrum (kodiċi NM 1005 90 00), ta' sorgu (kodiċi NM 1007 00 90) u ta' prodotti ta' sostituzzjoni (kodiċijiet NM 2303 10 19, 2303 20 00, 2309 90 20 u ex 2308 00 40)

▼M3

———————

▼B

Rilaxxi għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa waqt [*xahar/sena*]

Stat Membru: [*PAJJIŻ/L-awtorità nazzjonali kompetenti*]

Proċedura doganali	Kodiċi NM	Pajjiż ta' l-oriġini	Kwantità (tunnellati)	Taxxa tad-dwana applikabbli

▼B

ANNESS II

Proċedura ta’ kull ġimgħa ta’ offerti għat-tnaqqis fid-dazju ta’..... importati minn pajjiżi terzi

(Regolament (KE) Nru 1296/2008)

Data ta' skadenza għas-sottomissjoni ta' l-offerti (data/ħin)

1	2	3	4	5
Numru ta’ Riferenza ta’ min jitfa l-offerta	Kwantità (f’tunnellata)	Kwantità (f’tunnellati)	Ammont ta’ tnaqqis ta’ dazju ta’ importazzjoni	Oriġini taċ-ċereali
1				
2				
3				
4				
etc.				

▼B

ANNESS III

Titli msemmija fl-Artikolu 9(2)

— *Bulgaru:*	Намаляване ставката на митото: лицензия, валидна единствено в Испания (Регламент (ЕО) № 1296/2008)
	Намаляване ставката на митото: лицензия, валидна единствено в Португалия (Регламент (ЕО) № 1296/2008)
— *Spanjol:*	Reducción del derecho: certificado válido únicamente en España [Reglamento (CE) nº 1296/2008]
	Reducción del derecho: certificado válido únicamente en Portugal [Reglamento (CE) nº 1296/2008]
— *Ċek:*	Snížení cla: licence platná pouze ve Španělsku (nařízení (ES) č. 1296/2008)
	Snížení cla: licence platná pouze v Portugalsku (nařízení (ES) č. 1296/2008)
— *Daniż:*	Nedsættelse af tolden: licensen er kun gyldig i Spanien (Forordning (EF) nr. 1296/2008)
	Nedsættelse af tolden: licensen er kun gyldig i Portugal (Forordning (EF) nr. 1296/2008)
— *Ġermaniż:*	Ermäßigter Zoll: Lizenz nur in Spanien gültig (Verordnung (EG) Nr. 1296/2008)
	Ermäßigter Zoll: Lizenz nur in Portugal gültig (Verordnung (EG) Nr. 1296/2008)
— *Estonian:*	Tollimaksu vähendamine: litsents kehtib ainult Hispaanias (määrus (EÜ) nr 1296/2008)
	Tollimaksu vähendamine: litsents kehtib ainult Portugalis (määrus (EÜ) nr 1296/2008)
— *Grieg:*	Μείωση του δασμού: πιστοποιητικό που ισχύει μόνο στην Ισπανία [κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 1296/2008]
	Μείωση του δασμού: πιστοποιητικό που ισχύει μόνο στην Πορτογαλία [κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 1296/2008]
— *Ingliż:*	Duty reduction: licence valid only in Spain (Regulation (EC) No 1296/2008)
	Duty reduction: licence valid only in Portugal (Regulation (EC) No 1296/2008)
— *in French:*	Abattement du droit: certificat valable uniquement en Espagne [règlement (CE) nº 1296/2008]
	Abattement du droit: certificat valable uniquement au Portugal [règlement (CE) nº 1296/2008]

▼M2

— *bil-Kroat:*	Smanjenje carine: dozvola važeća samo u Španjolskoj (Uredba (EZ) br. 1296/2008)
	Smanjenje carine: dozvola važeća samo u Portugalu (Uredba (EZ) br. 1296/2008)

▼B

— *in Italian:*	Riduzione del dazio: titolo valido unicamente in Spagna [regolamento (CE) n. 1296/2008]
	Riduzione del dazio: titolo valido unicamente in Portogallo [regolamento (CE) n. 1296/2008]
— *in Latvian:*	Muitas samazinājums: licence ir derīga tikai Spānijā (Regula (EK) Nr. 1296/2008)
	Muitas samazinājums: licence ir derīga tikai Portugālē (Regula (EK) Nr. 1296/2008)
— *in Lithuanian:*	Muito sumažinimas: licencija galioja tik Ispanijoje (Reglamentas (EB) Nr. 1296/2008)
	Muito sumažinimas: licencija galioja tik Portugalijoje (Reglamentas (EB) Nr. 1296/2008)
— *Ungeriż:*	Vámcsökkentés: az engedély kizárólag Spanyolországban érvényes (1296/2008/EK rendelet)
	Vámcsökkentés: az engedély kizárólag Portugáliában érvényes (1296/2008/EK rendelet)
— *Malti:*	Tnaqqis tad-dazju: liċenzja valida biss fi Spanja (Regolament (KE) Nru 1296/2008)
	Tnaqqis tad-dazju: liċenzja valida biss fil-Portugall (Regolament (KE) Nru 1296/2008)
— *Olandiż:*	Korting op het invoerrecht: certificaat uitsluitend geldig in Spanje (Verordening (EG) nr. 1296/2008)
	Korting op het invoerrecht: certificaat uitsluitend geldig in Portugal (Verordening (EG) nr. 1296/2008)
— *Pollakk:*	Obniżenie stawki celnej: pozwolenie ważne wyłącznie w Hiszpanii (rozporządzenie (WE) nr 1296/2008)
	Obniżenie stawki celnej: pozwolenie ważne wyłącznie w Portugalii (rozporządzenie (WE) nr 1296/2008)
— *Portugiż:*	Redução do direito: certificado válido apenas em Espanha [Regulamento (CE) n.º 1296/2008]
	Redução do direito: certificado válido apenas em Portugal [Regulamento (CE) n.º 1296/2008]

▼B

— *Rumen:*	Reducere de taxă vamală: licență valabilă doar în Spania [Regulamentul (CE) nr. 1296/2008]
	Reducere de taxă vamală: licență valabilă doar în Portugalia [Regulamentul (CE) nr. 1296/2008]
— *Slovakk:*	Zníženie cla: licencia platná iba v Španielsku [Nariadenie (ES) č. 1296/2008]
	Zníženie cla: licencia platná iba v Portugalsku [Nariadenie (ES) č. 1296/2008]
— *Sloven:*	Znižanje dajatve: dovoljenje veljavno samo v Španiji (Uredba (ES) št. 1296/2008)
	Znižanje dajatve: dovoljenje veljavno samo v Portugalski (Uredba (ES) št. 1296/2008)
— *Finlandiż:*	Tullinalennus: todistus voimassa ainoastaan Espanjassa (Asetus (EY) N:o 1296/2008)
	Tullinalennus: todistus voimassa ainoastaan Portugalissa (Asetus (EY) N:o 1296/2008)
— *Svediż:*	Nedsättning av tull: intyg endast gällande i Spanien (Förordning (EG) nr 1296/2008)
	Nedsättning av tull: intyg endast gällande i Portugal (Förordning (EG) nr 1296/2008)

▼B

ANNESS IV

MUDELL TA' NOTIFIKA GĦAS-SEJĦA GĦALL-OFFERTI

Sejħa għall-offerti għax xiri ta' … tunnellata ta' … fis-suq globali mill … aġenzija li tintervjeni

(Artikolu 16(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1296/2008)

1. Prodott li ser jiġi mobilizzat: .....
2. Kwantità totali: .....
3. Lista ta' mħażen għall-polza: .....
4. Karatteristiċi ta' l-oġġetti (kwalità meħtieġa, kwalità minima, tnaqqis fil-prezz): .....
5. It-tqegħid f'pakketti (imboll): .....
6. Perjodu għall-konsenja: .....
7. Għeluq ta' żmien għall-ogħti ta' offerti: .....

▼B

ANNESS V

Regolament imħassar flimkien ma' l-emendamenti suċċessivi tiegħu

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1839/95 (ĠU L 177, 28.7.1995, p. 4)	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1963/95 (ĠU L 189, 10.8.1995, p. 22)	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2235/2000 (ĠU L 256, 10.10.2000, p. 13)	l-Artikolu 1 biss
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 777/2004 (ĠU L 123, 27.4.2004, p. 50)	l-Artikolu 4 biss
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1558/2005 (ĠU L 249, 24.9.2005, p. 6)	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1996/2006 (ĠU L 398, 30.12.2006, p. 1)	l-Artikolu 6 u l-Anness V biss
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 583/2007 (ĠU L 138, 30.5.2007, p. 7)	

▼B

ANNESS VI

Tabella ta' korrelazzjoni

Regolament (KE) Nru 1839/95	Dan ir-Regolament
Artikolu 1,(1)(2)	Artikolu 1,(1)(2)
Artikolu 1,(2a)	—
Artikolu 1,(3)(4)	Artikolu 1,(3)(4)
Artikolu 2,(1)	Artikolu 2,(1)
Artikolu 2,(2), l-ewwel paragrafu, sentenza ta' dħul u punt (a), sentenza ta' dħul	Artikolu 2,(2), l-ewwel paragrafu, sentenza ta' dħul
Artikolu 2,(2), l-ewwel paragrafu, punt (a)(i)	Artikolu 2,(2), l-ewwel paragrafu, punt (a)
Artikolu 2,(2), l-ewwel paragrafu, punt (a)(ii)	Artikolu 2,(2), l-ewwel paragrafu, punt (b)
Artikolu 2,(2), l-ewwel paragrafu, punt (b)	—
Artikolu 2,(2), it-tieni paragrafu	Artikolu 2,(2), it-tieni paragrafu
Artikolu 2(3)	Artikolu 2(3)
Artikolu 2a	Artikolu 3
Artikolu 3	Artikolu 4
Artikolu 4	Artikolu 5
Artikolu 5(1)	Artikolu 6(1)
Artikolu 5(1a)	Artikolu 6(2)
Artikolu 5(2)	Artikolu 6(3)
Artikolu 5(3), l-ewwel, it-tieni u t-tielet subparagrafu	Artikolu 6(4), l-ewwel, it-tieni u t-tielet subparagrafu
Artikolu 5(3), ir-raba' subparagrafu	—
Artikolu 5(4)	Artikolu 6(5)
Artikolu 6(1)	Artikolu 7(1)
Artikolu 6(2), kliem tal-bidu	Artikolu 7(2), kliem tal-bidu
Artikolu 6(2), l-ewwel inċiż	Artikolu 7(2), punt (a)
Artikolu 6(2), it-tieni inċiż	Artikolu 7(2), punt (b)
Artikolu 6(2), it-tielet inċiż	Artikolu 7(2), punt (ċ)
Artikolu 6(2), ir-raba' inċiż	Artikolu 7(2), punt (d)
Artikolu 6(2), il-ħames inċiż	Artikolu 7(2), punt (e)
Artikolu 6(3), (4), (5), (6) u (7)	Artikolu 7(3), (4), (5), (6) u (7)
Artikolu 7(1), l-ewwel subparagrafu, fraži tal-bidu	Artikolu 8(1), l-ewwel subparagrafu, fraži tal-bidu

▼B

Regolament (KE) Nru 1839/95	Dan ir-Regolament
Artikolu 7(1), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel inċiż	Artikolu 8(1), l-ewwel subparagrafu, punt (a)
Artikolu 7(1), l-ewwel subparagrafu, it-tieni inċiż	Artikolu 8(1), l-ewwel subparagrafu, punt (b)
Artikolu 7(1), it-tieni subparagrafu	Artikolu 8(1), it-tieni subparagrafu
Artikolu 7(2)	Artikolu 8(2)
Artikolu 8	Artikolu 9
Artikolu 9(1), (2), (3) u (4)	Artikolu 10(1), (2), (3) u (4)
Artikolu 9(5), frażi tal-bidu	Artikolu 10(5), frażi tal-bidu
Artikolu 9(5), l-ewwel inċiż	Artikolu 10(5), punt (a)
Artikolu 9(5), it-tieni inċiż	Artikolu 10(5), punt (b)
Artikolu 9(6)	Artikolu 10(6)
Artikolu 10	Artikolu 11
Artikolu 11(1), frażi tal-bidu	Artikolu 12(1), frażi tal-bidu
Artikolu 11(1), l-ewwel inċiż	Artikolu 12(1), punt (a)
Artikolu 11(1), it-tieni inċiż	Artikolu 12(1), punt (b)
Artikolu 11(2) u (3)	Artikolu 12(2) u (3)
Artikolu 12(1) u (2)	Artikolu 13(1) u (2)
Artikolu 12(3), l-ewwel subparagrafu, frażi tal-bidu	Artikolu 13(3), l-ewwel subparagrafu, frażi tal-bidu
Artikolu 12(3), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel inċiż	Artikolu 13(3), l-ewwel subparagrafu, punt (a)
Artikolu 12(3), l-ewwel subparagrafu, it-tieni inċiż	Artikolu 13(3), l-ewwel subparagrafu, punt (b)
Artikolu 12(3), l-ewwel subparagrafu, it-tielet inċiż	Artikolu 13(3), l-ewwel subparagrafu, punt (ċ)
Artikolu 12(3), l-ewwel subparagrafu, ir-raba' inċiż	Artikolu 13(3), l-ewwel subparagrafu, punt (d)
Artikolu 12(3), it-tieni u t-tielet subparagrafu	Artikolu 13(3), it-tieni u t-tielet subparagrafu
Artikolu 12(4)	Artikolu 13(4)
Artikolu 13	Artikolu 14
Artikolu 14	Artikolu 15
Artikolu 15	Artikolu 16
Artikolu 16(1)	Artikolu 17(1)
Artikolu 16(2), frażi tal-bidu	Artikolu 17(2), frażi tal-bidu
Artikolu 16(2), l-ewwel inċiż	Artikolu 17(2), punt (a)
Artikolu 16(2), it-tieni inċiż	Artikolu 17(2), punt (b)

▼B

Regolament (KE) Nru 1839/95	Dan ir-Regolament
Artikolu 16(2), it-tielet inċiż	Artikolu 17(2), punt (ċ)
Artikolu 16(2), ir-raba' inċiż	Artikolu 17(2), punt (d)
Artikolu 16(2), il-ħames inċiż	Artikolu 17(2), punt (e)
Artikolu 16(2), is-sitt inċiż	Artikolu 17(2), punt (f)
Artikolu 16(3), (4) u (5)	Artikolu 17(3), (4) u (5)
Artikolu 17	Artikolu 18
Artikolu 18	Artikolu 19
Artikolu 19	Artikolu 20
Artikolu 20	Artikolu 21
Artikolu 21	—
—	Artikolu 22
Artikolu 22	Artikolu 23
Anness I	Anness II
Anness Ia	Anness III
Anness II	Anness IV
Anness III	Anness I
—	Anness V
—	Anness VI